

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Insolvenza/falliment](#) > [Cyprus](#)

Insolvenza/falliment



Ċipru

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Kontra min jistgħu jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza?

Falliment (*ptóchevsi*): Ordni ta' falliment (*diátagma ptóchevsi*) issir biss kontra persuna fiżika li tkun insolventi.

Stralċ (*ek kathárisi*): Ordni ta' stralċ (*diátagma ek kathárisi*) issir fir-rigward ta' kwalunkwe persuna ġuridika. Stralċ volontarju (*ekoúsia ek kathárisi*), barra mill-qorti jew soġġett għal superviżjoni mill-qorti, japplika wkoll għal persuna ġuridika.

2 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Falliment: Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar il-falliment ta' persuni fiżiċi jinsabu fil-Liġi dwar il-Falliment (*perí Ptóchevsi Nómos*, il-Kapitolu 5) li ġiet emendata sostanzjalment fl-aħħar sentejn sabiex tirrifletti s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali li qed tinbidel.

Tista' tiġi ppreżentata petizzjoni ta' falliment jew minn kreditur jew mid-debitur innifsu, għal dejn ta' aktar minn EUR 15 000, dment li jkun sar att ta' falliment u li d-debitur kien f'Ċipru personalment jew kien residenti abitwali f'Ċipru jew mexxa negozju f'Ċipru jew kien membru ta' ditta jew sħubija li kienet tmexxi negozju f'Ċipru.

Debitur jikkommetti att ta' falliment (*práxi ptóchevsi*), fost oħrajn, meta:

(a) kreditur jiżgura sentenza finali kontra tiegħu, għal kwalunkwe ammont, u d-debitur jonqos milli jħallas;

(b) jissottometti dikjarazzjoni ta' inabbiltà li jħallas id-djun tiegħu;

(c) jissottometti petizzjoni ta' falliment;

(d) pjan ta' ħlas lura personali li kien parti għalih jitqies li jkun falla jew li ġie tterminat skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar l-Insolvenza ta' Persuni Fiżiċi (*perí Aferengyótitas Fysikón Prosópon Nómos*).

Stralċ ta' kumpaniji: Kumpanija tista' tiġi stralċjata jew għax ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha jew permezz ta' riżoluzzjoni speċjali tal-kumpanija biex din tiġi xolta bil-likwidazzjoni tal-proprjetà tagħha u l-ħlas lura tad-dejn kollu jew parti minnu. Ordni ta' stralċ tista' ssir jekk kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha. L-ammont dovut għandu jaqbeż il-EUR 5 000. Petizzjoni għall-istralċ tiġi ppreżentata lill-qorti minn kreditur jew mill-azzjonisti.

Stralċ volontarju:

Hemm tliet tipi ta' stralċ volontarju:

- *Stralċ volontarju tal-kredituri (ekoúsia ek kathárisi apó pistotés)*: Dan huwa stralċ barra mill-qorti li jsejtn jekk il-kumpanija tkun insolventi u l-bord tad-diretturi tagħha jiddeċiedi li jistralċjaha. L-istralċ volontarju tal-kredituri jibda bis-sejtna għal laqgħa tal-kredituri biex jikkunsidraw riżoluzzjoni speċjali għal stralċ

volontarju li jkun għadda mil-laqqgħa ġenerali tal-azzjonisti tal-kumpanija.

- *Stralċ' volontarju tal-Membri (ekoúsia ekkathárisi apó méli)*: Dan ukoll huwa stralċ' barra mill-qorti, li jinbeda b'riżoluzzjoni speċjali tal-laqqgħa ġenerali tal-azzjonisti meta l-kumpanija tkun solventi.
- *Stralċ' volontarju soġġett għas-superviżjoni tal-qorti (ekoúsia ekkathárisi ypó tin epopteía tou Dikastiríou)*: Meta kumpanija tkun għaddiet minn riżoluzzjoni għal stralċ' volontarju, il-qorti tista' tordna li l-istralċ' għandu jipproċedi taħt is-superviżjoni tal-qorti.

3 Liema huma l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza? Kif jiġu ttrattati l-assi li huma miksuba minn, jew li jiddevolvu lid-debitur wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

Falliment: Il-patrimonju tal-falliment jikkonsisti fil-proprjetà kollha li tappartjeni lil jew hija involuta fil-falliment fil-bidu tal-proċedimenti ta' falliment jew li tkun akkwistata minn jew tgħaddi fuq il-fallut qabel il-kwittanza tiegħu, għajr il-proprjetà indispensabbli għas-sopravivenza tal-fallut u dik tal-familja tiegħu.

Il-proprjetà akkwistata wara l-bidu tal-proċedimenti ta' falliment u qabel il-kwittanza minn falliment jew l-annullament tal-falliment tiffurma parti mill-patrimonju tal-falliment.

Stralċ': Il-proprjetà fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-likwidazzjoni hija l-proprjetà li kienet tappartjeni lill-kumpanija qabel saret l-ordni tal-istralċ' jew qabel id-data tar-risoluzzjoni speċjali għall-istralċ' volontarju.

4 X' setgħat għandhom id-debitur u l-prattikant tal-insolvenza, rispettivament?

Falliment: Meta ssir ordni ta' falliment, ir-riċevitur uffiċjali (*epísimos paralíptis*) isir l-amministratur tal-proprjetà tal-fallut. Fi stadju aktar tard, kwalunkwe prattikant liċenzjat tal-insolvenza (*adeiodotiménos sýmoulos aferengyótitas*) jista' jinħatar amministratur (*diacheiristís*). Il-kompitu tal-amministratur huwa li jbigħ il-proprjetà tal-fallut u li jiddistribwixxi r-rikavat lill-kredituri. Meta r-riċevitur uffiċjali jew kwalunkwe prattikant tal-insolvenza jwettaq id-dmirijiet ta' amministratur, il-fallut iżomm is-sjeda tal-proprjetà kollha involuta fih, li madankollu tiġi immaniġġjata biss mill-amministratur mid-data tal-bidu tal-proċedimenti ta' falliment.

Stralċ': Meta ssir ordni ta' stralċ', jekk ma jinħatar l-ebda likwidatur mill-kredituri, ir-riċevitur uffiċjali awtomatikament isir likwidatur (*ekkatharistís*), sakemm ma jinħatarx prattikant liċenzjat tal-insolvenza bħala likwidatur fuq l-applikazzjoni tar-riċevitur uffiċjali lill-qorti, jew wara deċiżjoni mil-laqqgħat tal-kredituri u l-kontributori tal-kumpanija. Il-kompitu tal-likwidatur huwa li jillikwida l-proprjetà tal-kumpanija li tkun qed tiġi xolta u li jiddistribwixxi r-rikavat lill-kredituri u l-kontributorji tagħha. Ladarba r-riċevitur uffiċjali jew il-prattikant tal-insolvenza jwettaq id-dmirijiet tal-likwidatur tal-proprjetà tal-entità ġuridika fil-likwidazzjoni, anke jekk il-kumpanija żżomm is-sjeda tal-proprjetà kollha involuta fha, il-proprjetà tiġi mmaniġġjata biss mil-likwidatur, bl-iskop li tiġi rrealizzata, mid-data tal-bidu tal-proċedimenti ta' stralċ'.

Stralċ' volontarju: Fil-każ ta' stralċ' volontarju, mill-bidu tal-proċedimenti ta' stralċ', il-kumpanija twaqqaf in-negozju tagħha, ħlief safejn ikun meħtieġ għall-istralċ' ta' benefiċċju tagħha. Il-kompitu tal-likwidatur huwa li jillikwida l-proprjetà tal-kumpanija likwidata u jiddistribwixxi r-rikavat lill-kredituri u l-kontributorji.

- *Stralċ' volontarju tal-kredituri*: Il-kredituri u l-kumpanija jinnominaw, fil-laqqgħat separati tagħhom, il-prattikant tal-insolvenza li jixtiequ jaħtru bħala likwidatur tal-kumpanija, iżda f'każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn iż-żewġ laqqgħat il-persuna maħtura bħala likwidatur tkun il-prattikant tal-insolvenza nominat mill-kredituri.
- *Stralċ' volontarju tal-membri*: Il-kumpanija taħtar bħala likwidatur, b'deċiżjoni tal-laqqgħa ġenerali, prattikant tal-liċenzjat tal-insolvenza, li jieħu r-responsabbiltà għar-risoluzzjoni tal-affarijiet tal-kumpanija u jiddistribwixxi l-proprjetà tagħha. Mal-ħatra ta' likwidatur is-setgħat tad-diretturi jieqfu, ħlief meta f'laqqgħa ġenerali tal-kumpanija jew il-likwidatur japprova l-kontinwazzjoni tagħhom.
- *Stralċ' volontarju soġġett għas-superviżjoni tal-qorti*: Meta tagħmel ordni għall-istralċ' soġġett għas-superviżjoni, b'din l-ordni jew b'ordni sussegwenti, il-qorti tista' taħtar likwidatur addizzjonali. Likwidatur maħtur mill-qorti għandu l-istess setgħat, huwa soġġett għall-istess obbligi u jinsab fl-istess pożizzjoni

bħal likwidatur maħtur b'riżoluzzjoni speċjali jew b'deċiżjoni tal-kredituri kif deskritt hawn fuq.

5 Taħt liema kundizzjonijiet tiġi invokata t-tpaċija ?

Falliment: Il-leġiżlazzjoni tipprevedi li tpaċija tista' tiġi invokata fejn ikun hemm krediti reċiproċi jew djun reċiproċi jew negozjar reċiproku ieħor bejn il-fallut u kwalunkwe persuna oħra qabel issir l-ordni ta' falliment, sakemm fil-mument li jingħata l-kreditu l-persuna l-oħra ma kinitx konxja mill-att ta' falliment imwettaq mill-fallut.

6 X'effett għandhom il-proċedimenti ta' falliment fuq kuntratti kurrenti li d-debitur huwa parti tagħhom?

Falliment: Il-kuntratti legali eżistenti li l-fallut ikun parti għalihom jibqgħu fis-seħħ u l-fallut jibqa' personalment responsabbli li jikkonforma mat-termini tagħhom.

Stralċ: Il-kuntratti legali eżistenti li kumpanija f'likwidazzjoni tkun parti għalihom jibqgħu fis-seħħ. L-istess japplika għal kuntratti legali konklużi minn kumpaniji li qed jiġu stralċjati volontarjament.

7 X'effetti għandhom il-proċedimenti ta' insolvenza fuq il-proċedimenti miġjuba minn kredituri individwali (bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti)?

Falliment: Meta titressaq azzjoni kontra fallut wara li ssir ordni ta' falliment, għandu jinkiseb il-permess tal-qorti biex l-azzjoni titħalla tipproċedi.

Stralċ: Meta titressaq azzjoni kontra fallut wara li ssir ordni ta' -, għandu jinkiseb il-permess tal-qorti biex l-azzjoni titħalla tipproċedi.

8 X'inhu l-effett ta' proċediment ta' insolvenza fuq il-kontinwazzjoni ta' kawżi pendenti fil-mument tal-ftuħ ta' proċediment ta' insolvenza?

Falliment: Azzjonijiet diġà pendenti kontra l-fallut ikomplu b'mod normali mingħajr ma jkollhom bżonn il-permess tal-qorti biex jitħallew jipproċedu.

Stralċ: Azzjonijiet diġà pendenti kontra kumpanija f'likwidazzjoni jistgħu jipproċedu biss bil-permess tal-qorti. L-immaniġġjar ta' dawn l-azzjonijiet isir b'mod sħiħ kwistjoni għar-riċevitur uffiċjali jew il-likwidatur tal-kumpanija.

9 Liema huma l-karatteristiċi ewlenin tal-parteciċipazzjoni tal-kredituri fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Falliment: Biex jieħu sehem fi proċedimenti ta' *falliment* kreditur irid ikun mela l-formoli għall-prova tad-dejn (*epalíthevsi chréous*) u pprovda l-evidenza kollha ta' sostenn. Ir-riċevitur uffiċjali jew il-prattikant tal-insolvenza li jaġixxi bħala amministratur imbagħad jiddeċiedi li jaċċetta jew jirrifjuta l-provi. Sussegwentement, jitħallas dividend lill-kredituri skont l-ordni ta' prijorità stabbilita fil-Liġi dwar il-Falliment. Ladarba l-provi tagħhom ikunu ddaħħlu, il-kredituri jistgħu jipparteċipaw f'laqgħat imsejħa mir-riċevitur uffiċjali jew mill-prattikant tal-insolvenza li jillikwida l-kumpanija.

Stralċ: Biex jieħu sehem fi proċediment ta' stralċ kreditur irid ikun mela l-formoli għall-prova tad-dejn u pprovda l-evidenza kollha ta' sostenn. L-istess proċeduri japplikaw bħal fil-każ ta' falliment, ħlief li hawnhekk id-dividend jiġi distribwit skont id-Dritt tal-Kumpaniji (*perí Etaireión Nómos*, perj 113).

L-istess japplika għall-istralċ volontarju, u b'mod partikolari għall-istralċ volontarju tal-kredituri, fejn il-kredituri jipparteċipaw direttament mill-bidu tal-proċedimenti, meta jiġu msejħa biex jipproponu likwidatur tal-għażla tagħhom.

10 B'liema mod jista' l-prattikant tal-insolvenza juża jew jiddisponi minn assi tal-patrimonju?

Falliment: L-amministratur għandu s-setgħa u l-awtorità li jbigħ proprjetà immobbli bi kwalunkwe mod li huwa jqis xieraq u fl-interess tal-proċedimenti. Sussegwentement, jitħallas dividend lill-kredituri skont l-ordni ta' prijorità stabbilita fil-Liġi dwar il-Falliment. Fil-każ ta' proprjetà ipotekata, trid tinkiseb ordni tal-qorti.

Stralċ: Il-likwidatur ta' kumpanija f'likwidazzjoni jista' jbigħ il-proprjetà immobbli tal-kumpanija bi kwalunkwe mod li huwa jqis li jkun fl-interess tal-proċedimenti. Sussegwentement, jitħallas dividend lill-kredituri skont l-ordni ta' prijorità stabbilita fid-Dritt tal-Kumpaniji. Fil-każ ta' proprjetà ipotekata, trid tinkiseb ordni tal-qorti. L-istess regoli japplikaw għall-istralċ volontarju.

11 Liema talbiet għandhom jiġu ppreżentati kontra l-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur u kif għandhom jiġu ttrattati t-talbiet li jsiru wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

Falliment: Meta ssir ordni ta' falliment, il-kredituri jistgħu jibagħtu prova tad-djun li jkunu saru sad-data tal-ordni ta' falliment jew ta' stralċ u li jkollhom x'jaqsmu ma' pretensjonijiet ta' ammont fiss. Talbiet li jsiru wara li ssir l-ordni ta' falliment jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedimenti ta' falliment u l-kredituri għandhom jieħdu azzjoni kontra l-fallut innifsu.

Stralċ: Wara li ssir ordni ta' stralċ jew li tgħaddi riżoluzzjoni speċjali għal stralċ volontarju, il-kredituri jistgħu jibagħtu prova tad-djun li jkunu saru sad-data tal-ordni ta' stralċ jew riżoluzzjoni speċjali u li jkollhom x'jaqsmu ma' pretensjonijiet ta' ammont fiss. Talbiet li jsiru wara li ssir l-ordni ta' stralċ jew riżoluzzjoni speċjali jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedimenti ta' stralċ u l-kredituri iridu jieħdu azzjoni kontra l-uffiċjali tal-kumpanija f'likwidazzjoni.

12 Liema huma r-regoli li jirregolaw il-preżentata, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet?

Falliment: Meta ssir ordni ta' falliment, fi żmien 35 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-ordni, kull kreditur għandu jibgħat prova tad-dejn lir-riċevitur jew l-amministratur uffiċjali bil-miktub. Il-prova trid tagħti dettalji tad-dejn, tiddikjara l-ismijiet tal-garanti kollha u tindika jekk il-kreditur għandux garanzija. Ir-riċevitur jew l-amministratur uffiċjali irid, fi żmien għaxart ijiem, jaċċetta jew jirrifjuta l-prova, bil-miktub, għall-finijiet tad-dividend. Kreditur jew garanti li ma jkunx kuntent bid-deċiżjoni tar-riċevitur jew l-amministratur uffiċjali jista' jikkontestaha fil-qorti fi żmien 21 jum.

Stralċ: Meta ssir ordni ta' stralċ, fi żmien 35 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-ordni, kull kreditur għandu jibgħat prova tad-dejn lir-riċevitur jew il-likwidatur uffiċjali bil-miktub. Il-prova trid tagħti dettalji tad-dejn, tiddikjara l-ismijiet tal-garanti kollha u tindika jekk il-kreditur għandux garanzija. Ir-riċevitur jew il-likwidatur uffiċjali għandu, fi żmien għaxart ijiem, jaċċetta jew jirrifjuta l-prova, bil-miktub, għall-finijiet tad-dividend. Kreditur jew garanti li ma jkunx kuntent bid-deċiżjoni tar-riċevitur jew il-likwidatur uffiċjali jista' jikkontestaha fil-qorti fi żmien 21 jum. L-istess regoli japplikaw għall-istralċ volontarju.

13 Liema huma r-regoli li jirregolaw it-tqassim tal-assi wara tmiem il-proċedimenti? Kif jiġu kklassifikati t-talbiet u d-drittijiet tal-kredituri?

Falliment: Meta jiġi mqassam il-patrimonju tal-falliment id-djun jiġu kklassifikati ugwalment u b'mod proporzjonali f'kull kategorija (ir-"regola pari passu"), sakemm il-patrimonju ma jkunx biżżejjed biex iħallas totalment lil kulħadd. Il-pretensjonijiet huma kklassifikati kif ġej:

- Infiq u remunerazzjoni reali tal-amministratur
- Tariffi dovuti lir-riċevitur uffiċjali
- Spejjeż imġarrba minn kreditur li huwa petizzjonant
- Djun preferuti

- Djun mhux garantiti

Stralċ: Meta jiġi distribwit il-patrimonju tal-likwidazzjoni id-djun jiġu kklassifikati ugwalmment u b'mod proporzjonali f'kull kategorija (ir-"regola pari passu"), sakemm il-patrimonju ma jkunx biżżejjed biex iħallas totalment lil kulħadd. Il-pretenzjonijiet huma kklassifikati kif ġej:

- Infiq u remunerazzjoni reali tal-likwidatur
- Tariffi dovuti lir-riċevitur uffiċjali jew lil-likwidatur
- Spejjeż imġarrba minn kreditur li huwa petizzjonant
- Djun preferuti
- Imposti flessibbli
- Kredituri mhux garantiti

14 Liema huma l-kundizzjonijiet għal, u l-effetti tal-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza (b'mod partikolari b'miżura komposta)?

Falliment: Il-fallut jista' jissottometti proposta bil-miktub għal proċedura li twassal għal stralċ (*symvivismós*) mal-kredituri tiegħu lir-riċevitur jew l-amministratur uffiċjali. Issir laqgħa tal-kredituri li fiha l-iskema trid tkun approvata b'maġġoranza fin-numru u tliet kwarti fil-valur tal-kredituri kollha li jkunu taw prova tad-djun tagħhom. Jekk il-kredituri jaċċettaw il-proposta, il-fallut jew ir-riċevitur jew l-amministratur uffiċjali jitlob lill-qorti biex tapprovaha. L-approvazzjoni mill-qorti torbot lill-kredituri kollha li jkunu taw prova tad-djun tagħhom. Meta jiġu ssodisfati t-termini tal-proċedura li twassal għal stralċ, id-djun ippruvati jitqiesu li jkunu ġew issodisfati b'mod sħiħ.

L-għeluq sħiħ tal-proċedimenti ta' falliment iseħħ meta l-ordni ta' falliment tiġi annullata.

Stralċ: L-għeluq sħiħ tal-proċedimenti ta' stralċ iseħħ meta jkun hemm ix-xoljiment finali jew meta l-ordni ta' stralċ tiġi annullata.

Il-proċedimenti ta' stralċ volontarju jingħalqu u l-kumpanija likwidata tiġi finalment xolta tliet xhur wara li r-riċevitur uffiċjali jaslulu l-kontijiet finali tal-kumpanija, li jitfasslu wara li tkun tlestiet kwalunkwe likwidazzjoni u distribuzzjoni tal-proprjetà tal-kumpanija.

Madankollu, jekk xi ħadd ikollu interess legali li jerġa' jagħti l-ħajja lil kumpanija li tkun ġiet xolta wara stralċ volontarju jew b'ordni tal-qorti, jista' jagħmel dan fi żmien sentejn wara x-xoljiment, billi jippreżenta applikazzjoni f'dan is-sens quddiem il-qorti.

15 X'inhuma d-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Falliment: Fil-każ ta' annullament tal-ordni ta' falliment, fejn il-kredituri jkunu taw il-kunsens tagħhom mingħajr ma jkunu rċevew ħlas sħiħ, dawk il-kredituri għandhom id-dritt li jitolbu l-ammonti dovuti wara l-annullament tal-ordni.

Stralċ: Fil-każ ta' annullament tal-ordni ta' stralċ, fejn il-kredituri jkunu taw il-kunsens tagħhom mingħajr ma jkunu rċevew ħlas sħiħ, dawk il-kredituri għandhom id-dritt li jitolbu l-ammonti dovuti wara l-annullament tal-ordni.

Jekk xi ħadd ikollu interess legali li jerġa' jagħti l-ħajja lil kumpanija li tkun ġiet xolta wara stralċ volontarju jew b'ordni tal-qorti, jista' jagħmel dan fi żmien sentejn wara x-xoljiment, billi jippreżenta applikazzjoni f'dan is-sens quddiem il-qorti.

16 Min għandu jagħmel tajjeb għall-kostijiet u l-ispejjeż involuti fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Falliment: L-ispiża biex issir l-ordni ta' falliment titħallas mill-kreditur li jressaq petizzjoni għall-ordni. L-ispejjeż pagabbli lir-riċevitur uffiċjali jammontaw għal EUR 500. L-ispejjeż imġarrba matul il-proċedimenti ta' falliment

jitħallsu mill-patrimonju tal-falliment.

Stralċ: L-ispiża biex issir l-ordni ta' stralċ titħallas mill-kreditur li jressaq petizzjoni għall-ordni. L-ispejjeż pagabbli lir-riċevitur uffiċjali jammontaw għal EUR 500. L-ispejjeż imġarrba matul il-proċedimenti għall-istralċ, il-likwidazzjoni u d-distribuzzjoni tal-proprjetà tal-kumpanija jitħallsu mill-patrimonju tal-likwidazzjoni.

L-ispiża tas-sottomissjoni u r-reġistrazzjoni ta' dokumenti relatati ma' proċedimenti ta' stralċ volontarju mar-riċevitur uffiċjali tammonta għal total ta' madwar EUR 440. L-ispejjeż imġarrba matul il-proċedimenti għall-istralċ, il-likwidazzjoni u d-distribuzzjoni tal-proprjetà tal-kumpanija jitħallsu mill-patrimonju tal-likwidazzjoni.

17 X'inhuma r-regoli li għandhom x'jaqsmu man-nullità, l-annullabbiltà u n-nuqqas ta' eżekutorjetà ta' atti ġuridiċi detrimental għall-korp ġenerali ta' kredituri?

Falliment: Ċerti dispożizzjonijiet li japplikaw għall-proċedimenti ta' falliment jippermettu lill-amministratur japplika quddiem il-qorti sabiex jitlob l-irkupru ta' proprjetà għall-benefiċċju tal-kredituri. Id-dispożizzjonijiet ewlenin huma dawn li ġejjin:

A. Trasferiment doluż (*dólia metavívasi*):

Jekk l-amministratur jew il-likwidatur ikollu evidenza li l-proprjetà ta' kumpanija jew persuna fiżika tkun ġiet trasferita jew mingħajr korrispettiv jew sostanzjalment taħt il-valur reali tagħha, huwa jista' japplika quddiem il-qorti għal ordni li twarrab it-trasferiment doluż jew att frodulenti.

Sabiex din id-dispożizzjoni tapplika, it-trasferiment irid ikun seħħ: (a) fi żmien tliet snin qabel id-data ta' falliment, sakemm ma kienx *in bona fide* u kellu korrispettiv ta' valur, jew (b) fi żmien għaxar snin qabel il-falliment, fejn fil-ħin tat-trasferiment il-persuna fiżika kkonċernata ma tkunx setgħet tħallas id-djun kollha tagħha mingħajr l-għajjnuna tal-proprjetà trasferita. Fil-każ ta' kumpanija f'likwidazzjoni, sabiex att ikun meqjus bħala frodulenti, dan irid ikun sar fi żmien sitt xhur qabel il-bidu tal-likwidazzjoni, li hija d-data li fiha tkun ġiet ippreżentata l-petizzjoni għall-istralċ.

B. Preferenza frodulenti (*dólia protímisi*):

Jekk l-amministratur jew il-likwidatur ikollu evidenza li kreditur ikun irċieva trattament preferenzjali, huwa jista' japplika quddiem il-qorti għal deċiżjoni li twarrab dak it-trattament.

Stralċ: Ċerti dispożizzjonijiet li japplikaw għall-proċedimenti ta' stralċ jippermettu li l-likwidatur japplika quddiem il-qorti sabiex jitlob l-irkupru ta' proprjetà għall-benefiċċju tal-kredituri. Id-dispożizzjonijiet ewlenin huma dawn li ġejjin:

A. Trasferiment doluż:

Jekk l-amministratur jew il-likwidatur ikollu evidenza li l-proprjetà ta' kumpanija jew persuna fiżika tkun ġiet trasferita jew mingħajr korrispettiv jew sostanzjalment taħt il-valur reali tagħha, huwa jista' japplika quddiem il-qorti għal ordni li twarrab it-trasferiment doluż jew att frodulenti.

Sabiex din id-dispożizzjoni tapplika, it-trasferiment irid ikun seħħ: (a) fi żmien tliet snin qabel id-data ta' falliment, sakemm ma kienx *in bona fide* u kellu korrispettiv ta' valur, jew (b) fi żmien għaxar snin qabel id-falliment, fejn fil-ħin tat-trasferiment il-persuna fiżika kkonċernata ma tkunx setgħet tħallas id-djun kollha tagħha mingħajr l-għajjnuna tal-proprjetà trasferita. Fil-każ ta' kumpanija f'likwidazzjoni, sabiex att ikun meqjus bħala frodulenti, dan irid ikun sar fi żmien sitt xhur qabel it-tnedija tal-likwidazzjoni, li hija d-data li fiha tkun ġiet ippreżentata l-petizzjoni għall-istralċ.

B. Preferenza frodulenti:

Jekk l-amministratur jew il-likwidatur ikollu evidenza li kreditur ikun irċieva trattament preferenzjali, huwa jista' japplika quddiem il-qorti għal deċiżjoni li tannula dan it-trattament.

■ L-aħħar aġġornament: 07/12/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.